**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU DISGĦA U ĦAMSIN**

**17 TA' APRIL, 2019**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **59.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 59.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **59.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 59.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmienja u ħamsin –il seduta. |
| | | |
| ***59.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON*** |
| | | |
| 59.3.1 | | Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li jsiru refresh tal-marki tat-toroq. |
| | | |
| 59.4 | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-MEMBRI*** |
| | | |
| 59.4.1 | | Il-membru Joseph DÁmato qal li fuq punt 58.4.7 fir-rigard tal-problema fi Triq Nardu Sacco, l-aħjar jinġiebu nies esperti f'dan il-qasam. Kien hemm |

| | | |
|---|---|---|
| | | qbil li meta jiġu l-ħaddiema tl-Koptasin jagħtu l-parir tagħhom.. |
| | | |
| 59.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email riċevuta mill-kumitat ismijiet tat-toroq fuq isem ġdid lil parti ta' Triq Santa Marija.<br>Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jistieden lill-kumitat ismijiet tat-toroq fil-Kunsill u jiġi diskuss kollox wiċċ 'imb wiċċ. |
| | | |
| 59.4.3 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu diversi ilmenti fuq bini li qed isir fi Triq is-Sardinella u r-residenti m'għandhomx minn fejn jgħaddu għat-toroq l-oħra. Ġew żewġ toroq sqaqin.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Infrastructure Malta u lid-Dipartiment tal-artijiet biex tinfetaħ triq kif inhu ppjanat. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| 59.4.4 | | Il-membru Joseph D'Amato ppropona biex il-Kumitat Amministrattiv jagħti konkos lil biċċa akwata fi Triq Hompesch biex ir-residenti ma jkollhomx aktar inkonvenjent ta' ħmieġ.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 59.4.5 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv fuq il-bus stop li hemm bżonn li jitressaq fi Triq Bubaqra. Hi nfurmat li din għandha titressaq fi ftit ġimgħat oħra. |
| | | |
| | | |
| ***59.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 59.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 15 ta' Mejju, 2019 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. |

Konfermati, illum _15_____ ta' MEJJU , 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**